**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 12 ta' Frar 2007**

**6166/07**

**LIMITE**

**JAI 67
CATS 12
COHOM 15
COEST 39**

PUBLIC

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | COREPER/Kunsill |
| Nru prop. Cion: | 10774/05 JAI 246 CATS 42 COHOM 13 COEST 105 |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali |

F'Diċembru 2003 l-Kunsill Ewropew qabel li jestendi l-mandat taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ Ewropew dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija u biex jittrasforma dan iċ-Ċentru f'Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Fil-5 Lulju 2005, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Kunsill għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali biex issegwi l-attivitajiet tagħha fl-oqsma msemmija fit-Titolu VI tat-TUE.[1]

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fit-30 ta' Novembru 2006.

[1] 10774/05 JAI 246 CATS 42 COHOM 13 COEST 105.

Il-Kunsill għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fl-4-5 ta' Diċembru 2006 laħaq approċċ ġenerali dwar it-test tal-proposta għar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, abbażi tad-dokument 16018/06 JAI 663 CATS 184 COHOM 180 COEST 337.

Il-COREPER huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill biex jadotta l-proposta dwar Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali kif imniżżel fid-dokument 16241/06 JAI 671 CATS 187 COHOM 188 COEST 345 OC 994 + REV 1 (NL).

Id-dikjarazzjonijiet li ser ikunu reġistrati fil-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Anness.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill**
**dwar Proċedimenti taħt l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea**

Il-Kunsill **jikkunsidra** li la t-Trattati u lanqas ir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ma jeskludu l-possibbiltà għall-Kunsill biex ifittex assistenza mill-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali futura meta jiddeċiedi li jikseb minn persuni indipendenti rapport dwar is-sitwazzjoni fi Stat Membru fit-tifsira ta' l-Artikolu 7 TUE meta l-Kunsill jiddeċiedi li l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 TUE huma sodisfatti.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni**
**dwar il-Proċedura għall-Ħatra tad-Direttur ta' l-Aġenzija**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw in-natura eċċezzjonali, meta mqabbla ma' aġenziji oħrajn, ta' l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, li l-objettiv tagħha huwa li tipprovdi lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni b'assistenza u għarfien espert f'qasam fejn il-leġislatura ngħatat setgħat sinifikanti.

Din in-natura eċċezzjonali ta' l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tiġġustifika li s-soluzzjonijiet ġeneralment segwiti fil-ħatra ta' diretturi għal aġenziji m'humiex, fl-intier tagħhom, segwiti fil-ħatra tad-direttur għall-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, u li, fil-każ ta' din l-Aġenzija, qed jingħata rwol aktar prominenti lill-Parlament u lill-Kunsill taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament.

Din is-soluzzjoni ma tista' bl-ebda mod titqies bħala li tikkostitwixxi preċedent li jista' jissemma meta ssir in-nomina ta' direttur ta' kwalunkwe aġenzija oħra, u lanqas għall-estensjoni tal-mandat tiegħu jew tagħha.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar ir-Reviżjoni tal-Mandat ta' l-Aġenzija taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea**

Il-Kunsill jaqbel li jerġa' jeżamina, qabel il-31 ta' Diċembru 2009, il-mandat ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, bil-ħsieb tal-**possibbiltà** li jestendih biex ikopri l-oqsma ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, **kif xieraq**, proposta għal dan l-effett.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-Konsultazzjoni ta' l-Aġenzija fl-Oqsma tal-Kooperazzjoni tal-Pulizija u Ġudizzjarja fi Kwistjonijiet Kriminali**

Il-Kunsill,

Waqt li jiftakar li, meta jitwettaq il-mandat tagħha taħt ir-Regolament (KE) 2006/XXX, l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ser takkwista għarfein espert ġenerali dwar id-drittijiet fundamentali,

Jikkunsidra li l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni jistgħu, **fil-qafas tal-proċess leġislattiv u b'kont dovut lis-setgħat ta' xulxin**, jibbenifikaw ilkoll, kif xieraq u fuq bażi volontarja, minn tali għarfien espert ukoll fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, u

Jikkunsidra li dan l-għarfien espert ġenerali jista' wkoll ikun ta' użu għall-Istati Membri li jixtiequ jużawh meta **jkunu** qed jimplimentaw atti leġislattivi ta' l-Unjoni f'dak il-qasam.

**Dikjarazzjoni mir-Renju ta' l-Olanda dwar ir-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali**

L-Olanda hija ta' l-opinjoni li d-*Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-konsultazzjoni ta' l-Aġenzija fl-oqsma ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija u Ġudizzjarja fi Kwistjonijiet Kriminali* ma tattribwix kompetenzi lill-Aġenzija abbażi tat-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

L-Olanda tenfasizza li d-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq bl-ebda mod ma tippreġudika l-kwistjoni dwar jekk il-mandat ta' l-Aġenzija għandux jiġi estiż biex ikopri oqsma ta' kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijet kriminali.

L-Olanda tiddikjara li hija ma tarax l-użu tal-possibbiltà msemmija fil-paragrafu 3 tad-dikjarazzjoni msemmija.

**Dikjarazzjoni mill-Gvern Taljan dwar ir-Regolament li jistabbilixxi Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali**

L-Italja ttenni l-pożizzjoni tagħha favur l-estensjoni tal-mandat ta' l-Aġenzija biex tinkludi kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Minħabba li r-rispett għad-drittijiet fundamentali għandu jkun ikkunsidrat bħala element essenzjali fil-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, l-estensjoni ta' l-attivitajiet ta' l-Aġenzija biex jinkludu t-"tielet kolonna" għandha titqies bħala li tifforma parti integrali mill-mandat tal-korp il-ġdid.

L-Italja għalhekk tixtieq li d-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-konsultazzjoni ta' l-aġenzija fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali annessa mar-Regolament li jistabbilixxi lill-Aġenzija, titqies mill-istituzzjonijiet u mill-Istati Membri bħala impenn politiku biex isir użu kostanti mill-assistenza ta' l-Aġenzija fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.

Għalhekk aħna nsejħu lill-Kummissjoni biex issib mezzi legali xierqa biex testendi l-mandat ta' l-Aġenzija biex jinkludi t-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea fil-futur qarib.